MINUTI

GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 – 2013

SEDUTA NUMRU 53/06

It-Tlieta 16 ta' Jannar 2013

PREŻENTI

| | | |
|---|---|---|
| KAV. PAWLU FARRUGIA KLJ CMLJ | SINDKU | |
| FRANCIS AGIUS | VIĊI SINDKU | |
| LAWRENCE BONAVIA | KUNSILLIER | *5.30pm – 7.00pm* |
| DORIS VELLA | KUNSILLIER | |
| KEITH DARMANIN | KUNSILLIER | |
| ISHMAEL DALLI | KUNSILLIER | *6.15pm – 7.15pm* |
| CLAUDIENNE LANZON | KUNSILLIER | *skużata* |
| PAUL J. PACE Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA | SEGRETARJU EŻEKUTTIV | |
| SINJ. ANTONELLA GALEA | ASST. PRINCIPAL | |

AGENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti Nru 52/06 għax xahar ta' Diċ 2012 u Skeda ta' Pagamenti Nru 53/06 għax xahar ta' Jan 2013
4. Rapporti mill-Kunsilliera
5. Ħwejjeġ oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa tas-Seduta 52/06 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku l-Kav. Paul Farrugia u mis- Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li l-Proġett minbarra jidher lest. Is-Sindku qal li flimkien mal-Perit Dieter Falzon qadu jduru x-xogħol fuq dan il-proġett pass pass skond il-Bill of Quantities. Il-Perit ipprepara dik li hija *snag list*. Sar meeting mal-PPCD fejn ġie spjegat dan kollu. Saret wkoll laqgħa bejn il-Kuntrattur RMS, il-Perit u l-Kunsill. F'din il-laqgħa ġiet ppreżentata din is-*snag list* lill-Kuntrattur li ser jieħu ħsiebha u ġie mitlub ukoll sabiex jippreżenta ċ-Ċertifikati għad-dawl, testijiet tat-tarmak, garanzija tal-gazebos u Ċertifikati tal-planki tar-reservoir. Is-Sindku kompla jgħid li ser ikollna nitolbu estensjoni fiż-żmien tal-proġett peress li għal PPCD il-proġett ikun ikkunsidrat bħala lest ladarba jingħalaq kollox u jiġu ffinalizzati l-kontijiet. ERDF

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward ix-xogħol fl-area ta' Luqa Road bejn il-blokki miexi skond il-programm. Dik il-biċċa art li s-Sur Vince Schembri magħruf bħala l-"Mulej" qal li hija tiegħu, bqajna ma rċevejna xejn bil-miktub mingħand ħadd allura x-xogħol fuq din il-biċċa art ukoll ser jibqa' għaddej skond il-programm. Proġett-Tisbiħ Luqa Road

ii.i Dwar biċċa art l-oħra in konnessjoni ma' dan il-proġett maħsuba li ssir parkeġġ, irċevejna invoice għall-valur ta' €2570 għal kera ta' din il-biċċa art. Is-Sindku qal li ltaqa' personalment mal-Ministru Dr Jason Azzopardi u kellmu dwar din l-anomalija għaliex b'paragun m'artijiet oħra li ġew devoluti lilna, din il-kera mitluba hija eżagerata. Għalhekk is-Sindku u Dr Azzopardi qabel li tintbgħatlu email għall-intervent tiegħu. Din l-email intbgħatet. Parkeġġ propost Luqa Road

iv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-PPP, bħalissa inbdiet il-parti ta' wara t-Tempji Neolitiċi. Il-WSC bdiet tagħmel it-testijiet u fejn kien hemm il-bżonn li jinbidlu l-mains dan sar ukoll. PPP

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-iSkema għall-Fondi Speċjali għall-Attivitajiet Kulturali li konna applikajna għall-attivita' ta' EPOKA għal Settembru 2013 għad m'għandniex risposta. Skema Attivitajiet Kulturali

x. Rigward il-każ li kellna pendenti ma' l-ARRIVA dwar il-każ tal-inċident fil-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra, il-kumpanija ALLCARE bagħtet ċekk bis-sehem dovut minnha. Issa jonqos li nirċievu n-nofs l-ieħor mill-kumpanija CITTADEL. Inċident – Monument Vittmi tal-Gwerra minn tal-Arriva.

x.i Is-Sindku kompla jgħid li dwar l-inċident l-ieħor fejn tfajla daħlet ġol Monument fis-siegħat bikrin ta' filgħodu, jidher li mhu ser naslu imkien għaliex il-pulizija qed jgħidu li mgħandhomx informazzjoni dwar dan l-inċident. Inċident ieħor fil-Monument

Is-Sur Ismael Dalli attenda fis-6.15pm

xi Dwar ir-Restawr tan-niċċa ta' San Pawl, is-Sindku qal li ġejna approvati s-somma ta' €2500. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jġib tlett kwotazzjonijiet. Restawr tan-Niċċa

xii Dwar il-każ tas-Sur Maurice Mallia, qal li rċevejna email mingħand DIER minħabba xi ammont li għadu dovut lilu. Is-Seg. Eżek. ser jivverifika dan il-każ. Kaz tas-Sur Maurice L. Mallia

**3 Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti**

i Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti nru 53/06 għax-xahar ta' Jannar 2013. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

ii Is-Sindku qal li l-Allokazzjoni għad ma daħlitx. Ladarba din tidħol ser jibgħatu biss kwart u ad paragun qegħda inqas minn dik tas-sena l-oħra.

iii ***Għażla tat-Tender tal-PV System għall-Proġett ERDF 213*** ERDF 213 – PV SYSTEM

Is-Sindku qara Rapport ppreparat mill-Bord tal-Evalwazzjoni. Dawn rrakomandaw li jintgħażel FRANK BORDA LTD Opzjoni B.

Il-Kunsill qabel nem con ma' dan ir-Rapport u jintgħażel FRANK BORDA LTD għall-valur ta' €3290.00.

Ser jintbgħatu l-ittri neċessarji.

iv **Għażla tal-PV System fuq id-Dar tal-Kejka** PV System Dar tal-Kejka

Is-Sindku qal li ntefgħu tlett Tenders : - i)Solar Solutions; ii)Solar Engineering Ltd; iii)Frank Borda Ltd.

L-irħas offerta hija dik ta' FRANK BORDA LTD għall-valur ta' €2990.00.

Is-Sur Paul Farrugia ppropona u s-Sur Lawrence Bonavia ssekonda li jintgħażel Frank Borda ltd.

Il-Kunsill qabel nem con.

**4 <u>Rapporti mill-Kunsilliera</u>**

*Rapport mill-Viċi Sindku Frans Agius*

i Is-Sur Agius qal li reġgħu nħarġu l-applikazzjonijiet għar-reading classes u diġa applikaw 5 min-nies.

ii Is-Sur Agius qal li għall-kors tal-ħjata applikat persuna waħda biss kif ukoll persuna oħra wriet interess li tattendi għall-kwalunkwe kors. Is-Sur Agius qal ser jikkuntattja lil din il-persuna u ser jerġa jibgħat l-avviż għal dan il-kors.

*Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

i. Is-Sur Dalli qal li attenda għal-laqgħa Transport Malta u ser jgħaddi l-informazzjoni kollha lis-Sindku.

Ii Is-Sur Dalli qal ukoll li ser jorganizza ġurnata oħra għar-riċiklaġġ tal-ħwejjeġ nhar is-Sibt 16 ta' Frar 2013 mid-9.00am 'il quddiem.

V ***Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella***

iii.i Is-Sinj. Doris Vella qalet li l-attivita' li jmiss ser torganizza Buffet Lunch il-Vivaldi Hotel fil-31 ta' Jannar 2013. Qalet ukoll li l-ispejjeż tal-Coach ser jitħallsu mill-fondi li fadal tas-Sotto Kumitat.

VI. ***Rapport mis-Sindku Paul Farrugia***

iv.i Is-Sindku qal li l-attivita' li jmiss huwa Buffet Breakfast fl-Alexandra Hotel fit-22 ta' Jannar 2013.

## 5 Ħwejjeġ Oħra

i Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li min jixtieq jikteb fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss li joħroġ qabel l-Elezzjoni għandu jibgħat kollox sa' l-aħħar ta' Jannar.

ii Is-Sindku qal li l-Ġimgħa 18 ta' Jannar 2013 fis-13.15pm ser issir Konferenza Stampa sabiex jiġi pprezentat Ġnien Veliko Turnovo. Ser ikunu mistiedna Dr Mario Demarco u Dr Stefan Buontempo.

## 6. Għeluq tal-Laqgħa

i. Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm

ii. Laqgħa oħra li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 28 ta' Marzu 2013 fil-5.30pm. Din tkun l-aħħar laqgħa f'din il-Leġislatura.

Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ
Sindku

Sur Paul Pace Dip. B. A. Bus Mangt MBA
Seg. Eżek